# Buddy, ħallini niekol!



■ Kif tista' ma taqax għal dawk l-għajnejn tondi jleqqu ffissati fuqek u dik l-għajta id-diżinjata biex ittihom xi ħaġa waqt li int qiegħed tiekol? Jekk tieħu gost b'din it-tip ta' attenzjoni, tiddejjaqx ittih! Però jekk inti wieħed min ħafna li tiddejjaq, taqax għalihom, qatt, għax darba biżżejjed biex tgħallmu jittallab.

Jekk diġà għamilta tista' tibda tgħallmu ma jkomplix jittallab. Insa dak kollhu li qalulek fuq kif għandek tnaqqas id-dominanza u li għandek titimgħu wara li tlesti tiekol int, jew tobżoqlu fih.

Jekk il-kelb għamel nofs siegħa jittallab u inti mbagħad ittih jiekol, għidtlu li għamel sew u se jerġa jagħmilha. Tih jiekol qabel jew waqt li qiegħed tiekol int, ħalli tneħħilu l-guħ li jkun qiegħed igiegħlu jittallab. Tista' wkoll tħarrġu biex imur fis-sodda tiegħu meta tkun qiegħed tiekol.

Għall-bidu se jkollok tħajjru bl-ikel u mbagħad ibqa' tih xi ħaġa tajba talli baqa' fis-sodda.

Jekk iqum erġa' mexxieħ lejn is-sodda billi tħajjru bl-ikel u ttiħulu biss meta jasal fis-sodda – idħol www.dogtrainingmadeeasy.org biex issir taf kif turiħ li qiegħed jagħmel sew. Iktar ma tagħmel hekk iktar se jifhem xi trid. Peress li din hija imgiba mhux kompatibbli ma li jittallab, b'hekk il-kelb tgħallem ma jittallabx.

Taqax għat-tentazzjoni li ttiħ l-ikel meta jittallab. Injorah u erga ħajjru lura fis-sodda jew tiħ xi ħaġa aħjar jekk jagħzel li jmur għall-ikel tiegħu.

Il-klieb ma jaħlux ħin b'affarijiet li ma jġibulomx risultati, u għalekk jekk ma terġax ittiħ ikel mill-mejda, malajr jieqaf.

Pero għall-bidu jaf iżid peress li hu diġà konvint li meta jittallab jieħu xi ħaga.

Issa se jaħseb li jrid jittallab iktar bis-saħħa. Ibqa' ċert li jekk iżżomm sod se jieqaf jittallab f'qasir żmien.

Għal aktar informazzjoni dwar kif tista tbiddel l-imġiba tal-kelb għall-aħjar idħol fuq www.dogtrainingmadeeasy.org, fejn tista' wkoll takwista klicker b'xejn.